## NIMXU WARA ĠESÙ

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ewwel Ktieb tas-Slaten**
**1 Slat 19, 16b, 19-21**

F'dak iż-żmien: Il-Mulej qal lil Elija: "Lil Eliżew, bin Safat, ta' Abel-Meħola, idilku profeta flokok''.
Elija telaq minn hemm u sab lil Eliżew, bin Safat, waqt li kien jaħrat bi tnax-il żewġ gniedes quddiemu, u hu qiegħed imexxi t-tnax-il wieħed. Resaq lejh Elija u xeħet fuqu l-mantar tiegħu. Dan ħalla l-gniedes u mar jiġri wara Elija jgħidlu: "Ħallini mmur inbus lil missieri u lil ommi, imbagħad niġi warajk.'' "Mur'', qallu Elija, "u erġa' ejja; għaliex x'għamiltlek jiena?''
Eliżew tbiegħed minnu, qabad żewġ gniedes, qatilhom u offriehom sagrifiċċju. U bil-għodda tal-ħrit sajjar il-laħam, qassmu lin-nies u kielu. Imbagħad qam u mar wara Elija u beda jaqdih.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 15**
**Mulej, inti s-sehem ta' wirti u ta' xortija.**

Ħarisni, Mulej, għax għandek nistkenn.
Għidt lill-Mulej: "Inti Sidi:
Ma għandi ebda hena ħliefek.
Mulej inti s-sehem ta' wirti u ta' xortija,
Inti żżomm f'idejk xortija.''

**R/. Mulej, inti s-sehem ta' wirti u ta' xortija.**

Imbierek lill-Mulej li tani l-fehma:
Imqar bil-lejl qalbi tgħallimni.
Dejjem quddiemi żammejt il-Mulej,
għax bih f'leminti ma nitħarrek qatt.

**R/. Mulej, inti s-sehem ta' wirti u ta' xortija.**

Tifraħ għalhekk qalbi u tithenna ruħi,
u ġismi jistrieħ bil-kwiet:
Għax inti ma tħallix lil ruħi fl-imwiet,
ma tħallix il-maħbub tiegħek jara t-taħsir.

**R/. Mulej, inti s-sehem ta' wirti u ta' xortija.**

Inti turini t-triq tal-ħajja,
hemm il-milja tal-ferħ quddiemek,
hemm għaxqa għal dejjem f'lemintek.

**R/. Mulej, inti s-sehem ta’ wirti u ta’ xortija.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta’ San Pawl Appostlu lill-Galatin**
**Gal 15, 1, 13-18**

Ħuti: Kristu ħelisna biex ikollna l-ħelsien. Żommu sħiħ, u terġgħux tmiddu għonqkom għall-madmad tal-jasar, għax intom, ħuti, kontu msejħa biex tkunu ħielsa. Biss qisu li dan il-ħelsien ma tinqdewx bih biex iserrħu l-passjonijiet tagħkom, iżda biex taqdu ‘l xulxin fl-imħabba. Għax il-liġi tinġabar kollha kemm hi f’kelma waħda, jiġifieri, “Ħobb lil għajrek bħalek innifsek.’’ Imma jekk intom tgiddmu u tieklu wieħed lil ieħor, iftħu għajnejkom li ma tinqerdux minn xulxin.
Jien dan ngħidilkom: imxu fl-ispirtu, u taqtgħux ix-xewqat tal-ġisem. Il-ġibdiet tal-ġisem huma kontra l-ispirtu, u l-ispirtu kontra l-ġisem: dawk it-tnejn huma kontra xulxin, biex ma jħallukomx tagħmlu dak li tixtiequ. Jekk tħallu l-ispirtu jmexxikom hu, ma tkunux taħt il-liġi.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah**
Fi tjubitek żommni ħaj, Mulej,
u nħares l-ordnijiet ta’ fommok.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta’ San Luqa.**
**Lq 9, 51-62**

Meta Ġesu’ qorob għalih iż-żmien li fih kellu jittieħed mid-dinja, b’rieda sħiħa dar u telaq lejn Ġerusalem. U bagħat xi messaġġieri qablu li, huma u sejrin, daħlu f’raħal tas-Samarija biex iħejjulu, iżda hemmhekk ma laqgħuhx, billi hu kien sejjer Ġerusalem. Meta raw dan, id-dixxipli Ġakbu u Ġwanni qalulu: “Mulej, tridx ngħidu lin-nar jinżel mis-sema u jeqridhom?’’ Iżda hu dar fuqhom u ċanfarhom. U marru f’raħal ieħor.
Huma u miexja fit-triq kien hemm wieħed li qallu: “Tmur fejn tmur, jiena niġi warajk.’’ U qallu Ġesu: “Il-volpijiet għandhom l-għerien tagħhom u l-għasafar tas-sema l-bejtiet, iżda Bin il-Bniedem ma għandux fejn imidd rasu. Lil wieħed qallu: “Imxi warajja.’’ Iżda dan wieġbu: “Ħallini l-ewwel immur nidfen ’il missieri’’. Iżda hu wieġbu: “Ħalli l-mejtin jidfnu huma stess il-mejtin tagħhom: iżda int mur u xandar is-Saltna ta’ Alla’’. U ieħor ukoll qallu: “Jiena niġi Mulej, warajk; imma l-ewwel ħallini nsellem lil tad-dar. Qallu Ġesu’: “Min iqiegħed idu fuq il-moħriet u jħares lura mhuwiex tajjeb għas-Saltna ta’ Alla.’’

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**